A.L. 116 ta' l-1991

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-1991 tal-Kunsill tal-Pagi ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li dwarhom l-imsemmi Kunsill tal-Pagi jaħdem, għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 tal-Kunsill tal-Pagi ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben biex Jirregola l-Pagi u għandu jibda jseħħ fis-17 ta' Lulju, 1991. Titolu u bidu fis-seħħ.

2. Id-dispożizzjonijiet murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha li dwarhom il-Kunsill tal-Pagi ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben jaħdem. Applikazzjoni ta' l-ordni.

3. Mid-data li jibda jseħħ dan l-ordni, l-Ordni ta' l-1976 tal-Kunsill tal-Pagi ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben biex Jirregola l-Pagi għandu jitħassar. Jirrevoka l-ordni ta' qabel. A.L. 103 ta' l-1977.

SKEDA

1. F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — Tifsir.

"vaganza tas-soltu" tfisser il-ġranet (barra mill-Ħdud) iddikjarati għal dak iż-żmien bħala btajjel pubbliċi skond jew taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ġurnata" fil-każ ta' mpjegati bix-*shift*, tfisser perijodu ta' 24 siegħa konsekuttivi; fil-każijiet l-oħra kollha, tfisser perijodu li jibda minn nofs il-lejl ta' ġurnata sa nofs il-lejl tal-ġurnata ta' wara;

"nofs ta' nhar" tfisser perijodu ta' tnax-il siegħa konsekuttivi li jispiċċa fis-1.00 p.m. jew fis-1.00 a.m.;

"sigħat ta' xogħol" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, eskluż l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"*shift* ta' bil-lejl" tfisser kull perijodu ta' mpieg li jinkludi kull siegħa mill-10.00 p.m. ta' ġurnata sas-6.00 a.m. tal-ġurnata ta' wara;

"impjegat *part-time*" tfisser impjegat li mhux impjegat *whole-time*;

"perijodu ta' mpieg" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, imma nklużi l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"impjegat bis-*shift*" tfisser impjegat li jkun impjegat regolarment fuq bażi ta' ċiklu ta' *shift*;

"ħin-u-nofs" u "ħin doppju" jfissru rispettivament darba u nofs u darbtejn ir-rata minima tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qliegħ li jitħallas bi flus minn prinċipal lil impjegat;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa" tfisser perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi li jibdew fil-ħin li fih l-impjegat normalment jibda t-*turn* tiegħu ta' xogħol;

"impjegat *whole-time*" tfisser impjegat —

(a) li jkun impjegat għal aktar minn 30 siegħa f'xi ġimgħa, fil-każ ta' mpjegati barra minn għassiesa, u

(b) li jkun impjegat għal aktar minn 45 siegħa f'xi ġimgħa, fil-każ ta' għassiesa.

Sigħat ta' xogħol.

2. L-inqas pagi fil-ġimgħa għandhom ikunu relatati għal ġimgħa ta' mhux aktar minn —

(a) erbgħin siegħa xogħol fil-każ ta' mpjegati *whole-time* barra minn għassiesa; u

(b) tnejn u ħamsin siegħa xogħol fil-każ ta' għassiesa.

L-anqas paga ta' mpjegati *whole-time*.

3. (1) L-inqas paga fil-ġimgħa li għandha titħalllas lill-impjegati *whole-time*, irġiel u nisa, tkun din li ġejja:

(a) għassiesa li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment ġewwa	Lm34.13
(b) għassiesa li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment barra	Lm35.13
(ċ) impjegati oħra:	
(i) ta' 16-il sena	Lm29.99
(ii) ta' 17-il sena	Lm31.22
(iii) ta' 18-il sena jew fuqhom	Lm34.13 .

(2) Fil-każ ta' ħaddiema bix-*shift*, jekk kull *shift* ta' ġimgħa bil-lejl ma jkunx segwit minn żewġ *shifts* wara xulxin ta' ġimgħa bi nhar, kull *shift* ieħor jew *shifts* oħra ta' ġimgħa bil-lejl jintitola lill-impjegat għal rimunerazzjoni oħra li tammonta għal mhux anqas minn kwart tar-rata normali tal-paga tiegħu.

L-anqas rimunerazzjoni ta' mpjegati *part-time*.

4. Impjegati *part-time* għandhom jitħallsu *pro rata* b'rata fis-siegħa ta' mhux inqas minn dik applikabbli għall-impjegati *whole-time*, jiġifieri, ir-rata xierqa fil-ġimgħa li tidher fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda diviża b'erbgħin fil-każ ta' mpjegati mhux għassiesa u bi tnejn u ħamsin fil-każ ta' għassiesa.

L-anqas mistrieħ ta' kuljum.

5. L-impjegati *whole-time*, barra minn għassiesa, ikollhom permess għall-intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux anqas, b'kollox, minn siegħa kuljum:

Iżda —

(a) bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-paragrafu (b) ta' dan il-proviso, l-intervall jew intervalli għandhom jingħataw wara l-ewwel u qabel l-aħħar siegħa tal-perijodu ta' l-impieg, u

(b) fejn l-aħħar nofs siegħa tal-perijodu ta' mpieg tkun permessa bħala nofs siegħa ta' mistrieħ, l-impjegat ikun intitolat li jħalli l-post tax-xogħol malli tibda dik in-nofs siegħa.

L-anqas mistrieħ fil-ġimgħa.

6. L-impjegati *whole-time*, barra l-għassiesa, jingħataw jumejn ta' mistrieħ fil-ġimgħa; għassiesa għandu jkollhom ġurnata waħda ta' mistrieħ:

Iżda fejn sistema ta' *shift* ma tħallix li jingħataw jumejn ta' mistrieħ f'xi ġimgħa f'xi ċiklu, l-impjegati jingħataw ġurnata waħda ta' mistrieħ f'dik il-ġimgħa partikulari, u ġurnata oħra mill-bqija tal-ġranet tax-xogħol tal-ġimgħa tiġi mħallsa bir-rata ta' ħin-u-nofs.

L-inqas rata għal sahra.

7. (1) Fil-każ ta' mpjegati *whole-time*, barra għassiesa, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn erbgħin siegħa f'xi ġimgħa barra minn kull ħin li jitħallas bir-rata ta' sahra ..... ħin-u-nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn tmien sigħat kuljum f'xi ġurnata, u għall-ħin kollu maħdum fl-ewwel ġurnata ta' mistrieħ tal-ġimgħa determinata minn qabel ..... ħin-u-nofs;

(ċ) għall-ħin kollu li jinħadem il-Ħadd jew it-tieni jew l-unika ġurnata ta' mistrieħ determinata minn qabel tal-ġimgħa ..... ħin doppju;

(d) għall-ħin kollu li jinħadem f'vaganza tas-soltu barra mir-rata normali ta' kull siegħa ..... ħin doppju;

Iżda jekk vaganza tas-soltu tiġi l-Ħadd jew fil-ġurnata l-oħra ta' mistrieħ, is-sahra titħallas biss b'ħin doppju.

(2) Fil-każ ta' għassiesa, is-sahra titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn 52 siegħa f'xi ġimgħa ta' sitt ijiem konsekuttivi ..... ħin-u-nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn 9 sigħat f'xi ġurnata ..... ħin-u-nofs.

(3) B'dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu ta' qabel ta' dan il-paragrafu:

(a) impjegati bix-*shift* ma jkunux intitolati għal ħin maħdum f'*shift* normali l-Ħadd jew f'ġurnata ta' mistrieħ;

(b) meta vaganza tas-soltu taħbat f'ġurnata tax-xogħol, is-sahra maħduma titħallas lill-impjegati *whole-time*, barra l-għassiesa, b'ħin u nofs għal xogħol 'il fuq minn erbgħin siegħa f'ġimgħa, neqsin in-numru ta' sigħat li kienu normalment jinħadmu f'dik il-ġurnata minn dak l-impjegat;

(ċ) fil-każ ta' għassiesa, meta vaganza tas-soltu taħbat f'xi ġimgħa bejn it-Tnejn u s-Sibt, is-sahra titħallas b'ħin u nofs għal xogħol 'il fuq minn 52 siegħa f'dik il-ġimgħa.

Vaganzi.

8. (1) Iż-żieda ma' l-anqas mistrieħ fil-ġimgħa li jistgħu jkunu intitolati għalih impjegati *whole-time* skond il-paragrafu 6, impjegati *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-*leave* għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn —

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' ġimgħat tax-xogħol u tlitt ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta mpjegat *whole-time* ikun ilu mpjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza msemmi skond ma jkun il-proporzjon tan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "*leave* għal vaganza" tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u mpjegat, b'dan illi jum wieħed *leave* għal vaganza matul l-1988 u l-1989,

jumejn *leave* għal vaganza matul l-1990; tlitt ijiem *leave* għal vaganza vatul l-1991 u erbat ijiem *leave* għal vaganza matul l-1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shut-down* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma' kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.

Leave għal mard.

9. Wara sitt xhur servizz kontinwu l-impjegati *whole-time* jkunu ntitolati għal tnax-il ġurnata *leave* għal mard b'paga sħiħa f'kull sena kalendarja bin-nuqqas ta' kull benefiċċju għal mard li għalih jistgħu jkunu ntitolati skond l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali u għal tnax-il ġurnata oħra *leave* għal mard b'nofs paga, bin-nuqqas ta' nofs kull benefiċċju għal mard li għalih jistgħu jkunu ntitolati skond l-imsemmi Att, u f'kull każ ċertifikat mediku li jiċċertifika nkapaċità għax-xogħol li jkopri l-perijodi tan-nuqqas għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal.

Leave għal korriment.

10. Impjegat *whole-time* ikollu dritt għal massimu ta' sena *leave* għal korriment b'paga sħiħa, nieqes l-ammont sħih ta' kull benefiċċju għal korriment li għalih dak l-impjegat ikollu dritt skond l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali jekk dak l-impjegat ikorri waqt il-qadi attwali ta' dmirijietu u dak il-korriment ma jkunx minħabba traskuraġni kontributorja minn naħa tiegħu jew minħabba ksur minnu ta' xi regoli dwar ħarsien mill-periklu stabbiliti mill-*Management*.".

Leave speċjali.

11. Impjegat *whole-time* jingħata tlett ijiem *leave* b'paga sħiħa fl-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu u ġurnata *leave* b'paga sħiħa fl-okkażjoni ta' twelid ta' tarbija lil martu.

Servizz għal ġurat.

12. Impjegati *whole-time* li jiġu msejħa għal servizz bħala ġurati jingħataw ż-żmien kollu li jkun meħtieġ b'paga sħiħa sabiex ikunu jistgħu jattendu għal dak is-servizz fil-Qorti.

Leave minħabba luttu.

13. Impjegati *whole-time* jkollhom jumejn *leave* bil-ħlas fl-okkażjoni tal-mewt ta' xi ħadd mill-qraba li ġejjin: il-mara, ir-raġel, il-missier, l-omm (jew il-persuna li f'dak iż-żmien kienet fil-fatt qiegħda tagħmilha ta' omm jew missier l-impjegat), l-iben, il-bint, ħuh jew oħtu.

Ħin ta' stennija.

14. Impjegat ikun intitolat għall-ħlas ta' l-inqas paga applikabbli għalih għall-ħin kollu li matulu jkun preżenti fil-post tal-prinċipal tiegħu jew x'imkien ieħor ħlief meta jkun preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-kunsens tal-prinċipal, imfisser jew mifhum;

(b) għal xi skop li m'għandux x'jaqsam max-xogħol tiegħu u barra minn dak li jistenna xogħol li jingħata lilu biex jagħmlu;

(ċ) minħabba r-raġuni biss tal-fatt illi huwa jkun residenti hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet normali ta' l-ikel f'kamra jew f'post fejn ma jkunx qiegħed isir xogħol, u hu ma jkunx qiegħed jistenna xogħol biex jingħata lilu biex jagħmlu.

Età ta' rtirar.

15. F'każ fejn impjegat raġel ikun mistenni jirtira mix-xogħol fl-età ta' 60 sena, impjegat bħal dan għandu jingħata l-opportunità minn min iħaddmu biex jibqa' fl-impieg tiegħu 'l fuq minn din l-età u ta' l-anqas sakemm jilħaq l-età ta' 61 sena, iżda l-impjegat konċernat xorta għandu jitħalla, jekk huwa hekk ikun irid, li jirtira fl-età ta' 60 sena.

NOTA TA' TIFSIR

(Din in-nota m'hijiex parti mill-Iskeda imma hija maħsuba biex turi kif tapplika)

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Iskeda ta' hawn fuq japplikaw għall-impjegati kollha f'kull impriża jew f'xi parti minn impriża, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu għal kollox jew prinċipalment f'xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-manifattura u l-ipproċessar tal-ġilda u oġġetti tal-ġilda nklużi l-manifattura ta' ngwanti u l-manifattura ta' stvali, żraben, sandlijiet u xidd ieħor tar-riġel; u

(b) il-manifattura ta' bagalji, *brief-cases*, basktijiet ta' l-idejn, basktijiet taxxiri u basktijiet oħra ta' natura simili.